MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2004

Rikors Numru. 25/2002/1

**Abera Woldu Hiwot; Ahmed Omar Abdulla u martu Sieshi Azaderch u zewg uliedhom; Gebrekristos Semerre Kibrom u martu Gebrezghbeher Tewelde Rahel; Araya Asmelash Yosief u martu Kasa Hailemichael Sennayt; Yeibyo Tesfamichael Mhretab u Kaleab Tsge; Haile Okube Tekeset u martu Gebreamlak Gebremariam Maizn; Measho Tewelde Yaccob u martu Hibtzgi Habtemicael Kedish; Tesfaies Gebrezgier Amanuel u martu Tesfazghi Abraham Hadas; Baryagaber Berhane Yosief u martu Kiflemaryam Gebray Roma; Fantay Zera Amanuel u martu Kifleyesus Mebrahitu Rahel; Baire Haile Netsanet; Gebremedhin Alem Simret; Abay Tsehaye Tsega u bintha Winte; Tsaeda Gebremichael Sembetu; Mehari Nethereab Lemlem; Weldeyesus Zemenfeskudus; Tewelde Kahsay Meceal u martu Beyene Gebrezhhiabiher Tsgereda u tliet uliedhom; Kahsay Meleaku Henok u martu Tesfu Genet; Haile Tekle Amanuel u Mebrahtu Gebreyesus Mehret;**

**Tsegay |Kelem Kidane u martu Debresion Gebreyesus Letebrhan u zewg uliedhom; Ghilay Zeray Tigsti; Brhane Kinfe Mehari u martu Gebreamlak Belay Freweyn u zewg uliedhom; Kidane Tesfasion Gmga; Bihil Musei Alem; Araya Tekeste Gebreyesus u martu Bayru Brhane Freedom u zewg uliedhom; Badigo Goitom Yohanas u martu Hagos Mana Elizabeth; Weldenkeal Weldeslasie Askalu; Tecle Habteab Tesfay; Amanuel Gebremichael Yonas u martu Habte Tesfemichael Tsighe**

***Versus***

**Il-Professur Dr Henry Frendo, Dr Tonio Grech u Dr Carmelo Testa, *chairman* u membri rispettivament tal-Bord ta' l-Appell dwar ir-Rifugjati u in rappreżentanza ta' l-istess; u b'dikriet tal-15 t'Ottubru 2002 issejjaħ fil-kawża l-Avukat Ġenerali**

F'din il-kawża r-rikorrenti qegħdin jitolbu rimedju għax igħidu illi ma tħarsux id-drittijiet fondamentali tagħhom imħarsa taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ["il-Konvenzjoni"] u taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"].

Ir-rikors igħid illi r-rikorrenti daħlu Malta b'mod klandestin u, wara li, fit-12 u fit-13 ta' Marzu 2002, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) ordnat illi jintbagħtu lura pajjiżhom għax sabet li daħlu Malta bi ksur tal-liġi, huma għamlu talba quddiem il-Kummissarju għar-Rifuġjati biex jingħataw *status* ta' rifuġjati taħt l-Att ta' l-2001 dwar ir-Rifuġjati [Kap. 420 – "l-Att"]. It-talba tagħhom kienet miċħuda u għalhekk għamlu appell quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rifugjati ["il-Bord"]. L-appell tagħhom kien miċħud ukoll iżda r-rikorrenti qegħdin igħidu illi fil-proċeduri quddiem il-Bord ma kienx imħares il-jedd tagħhom għal smigħ xieraq, għax, bi ksur ta' l-art. 6(6) ta' l-Att, dawk il-proċeduri nżammu *in camera*, bla ma huma ġew imsejħa biex jidhru għalkemm kienu għamlu talba għalhekk, u ma tħallewx illi jattendu għas-smigħ ta' l-appell, illi jressqu provi u jagħmlu sottomissjonijiet, u illi jattendu għall-pronunzjament tad-deċiżjonijiet tal-Bord.

Għalhekk fetħu dawn il-proċeduri tallum quddiem din il-qorti fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha biex jitolbu rimedju taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni billi l-qorti tgħid illi ma jiswewx id-deċiżjonijiet tal-Bord tas-27 t'Awissu 2002.

L-intimati wieġbu hekk:

1. waħda mir-rikorrenti ilha li telqet minn Malta sa minn qabel ma kien ippreżentat ir-rikors, u għalhekk dwar dik ir-rikorrenti l-intimati għandhom jinħelsu mill-ħarsien tal-ġudizzju; it-talba f'isem din ir-rikorrenti kienet ċeduta waqt is-seduta tas-27 ta' Settembru 2002;

2. uħud mir-rikorrenti ma jissemmewx b'isimhom fir-rikors u għalhekk ir-rikors safejn sar f'isimhom ma jiswiex, u dwar dawk ir-rikorrenti wkoll l-intimati għandhom jinħelsu mill-ħarsien tal-ġudizzju; l-isem tar-rikorrenti fil-fatt ingħata b'nota ta' l-1 t'Ottubru 2002;

3. il-proċeduri ta' l-appell dwar uħud mir-rikorrenti għadhom ma ngħalqux, u għalhekk it-talba ta' dawk ir-rikorrenti hija intempestiva u dwar dawk ir-rikorrenti wkoll l-intimati għandhom jinħelsu mill-ħarsien tal-ġudizzju; it-talba f'isem dawn ir-rikorrenti wkoll kienet ċeduta waqt is-seduta tas-27 ta' Settembru 2002;

4. il-proċeduri taħt l-Att quddiem il-Bord la huma biex jiddeterminaw xi akkuża kriminali u lanqas biex jiddeterminaw xi dritt jew obbligu ċivili, u għalhekk ma jintlaqtux bl-art. 39 tal-Kostituzzjoni jew bl-art. 6 tal-Konvenzjoni;

5. ir-riferenza fl-art. 7(9) ta' l-Att għall-art. 46 tal-Kostituzzjoni u għall-art. 4 ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea [Kap. 319] ma tagħmilx applikabbli għal xi sitwazzjoni xi artikolu tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni li ma kienx japplika li kieku ma kienx hemm dik ir-riferenza; ir-riferenza hija maħsuba biss biex tassikura illi l-finalità tad-deċiżjonijiet tal-Bord, billi ma jingħatax appell minnhom, b'ebda mod ma tnaqqas xi dritt li xi persuna seta' kellha taħt l-art. 46 tal-Kostituzzjoni u l-art. 4 ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea.

Il-kwistjoni f'din il-kawża hija dwar jekk ir-rikorrenti ngħatawx smigħ xieraq quddiem il-Bord, kif iridu l-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni.

L-art. 39 tal-Kostituzzjoni jgħodd "kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali" jew fi proċeduri "għad-deċiżjoni

dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili"; l-art. 6 tal-Konvenzjoni jgħodd "fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u ta' l-obbligi … … … jew ta' xi akkuża kriminali".

Kif jixhdu s-sentenzi msemmija fin-nota ta' l-intimati tal-15 t'Ottubru 2002, hija ġurisprudenza stabbilita illi proċeduri dwar tkeċċija ta' min ma huwiex ċittadin tal-pajjiż ma humiex proċeduri li fihom tingħata deċiżjoni dwar drittijiet ċivili, u għalhekk ma jintlaqtux mill-provvedimenti dwar smigħ xieraq. Din il-pożizzjoni kienet ukoll konfermata b'deċiżjoni mogħtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-6 ta' Frar 2003 fil-każ ta' **Mamatkulov u Abdurasulovic kontra t-Turkija**[1]:

1. The Court reiterates that decisions regarding the entry, stay and deportation of aliens do not concern the determination of an applicant's civil rights or obligations or of a criminal charge against him, within the meaning of Article 6 § 1 of the Convention (*Maaouia v. France* [GC], no. 39652/98, § 40, ECHR 2000-X).

2. Consequently, Article 6 § 1 is not applicable in the instant case.

Ir-rikorrenti iżda jgħidu illi, bis-saħħa ta' dak li jingħad fl-art. 7(9) ta' l-Att, l-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni għandhom igħoddu għall-każ tallum. L-art. 7(9) ta' l-Att igħid hekk:

**7.** (9) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, iżda mingħajr preġudizzju għall-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 4 ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, id-deċizjoni tal-Bord tkun waħda finali u konkluživa u ma tkun tista' tiġi kontestata jew appellata quddiem ebda qorti tal-ġustizzja.

L-art. 46 tal-Kostituzzjoni, fil-parti relevanti tiegħu, igħid hekk:

**46.** (1) … … … kull persuna li tallega li xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 33 sa 45 (magħdudin) ta' din il-Kostituzzjoni tkun ġiet, tkun qed tiġi jew tkun x'aktarx ser tiġi miksura dwarha, jew kull persuna oħra li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'Malta tista' taħtar ad istanza ta' xi persuna li hekk tallega, tista', bla ħsara għal kull azzjoni oħra dwar

[1] Rikorsi 46827/99 u 46951/99.

l-istess ħaġa li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għal rimedju.

u l-art. 4 ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, fil-parti relevanti tiegħu, igħid l-istess ħaġa:

**4.** (1) Kull persuna li tallega li xi wieħed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali jkun ġie, ikun qed jiġi jew ikun x'aktarx ser jiġi miksur dwarha, jew kull persuna oħra li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'Malta tista' taħtar ad istanza ta' xi persuna li hekk tallega, tista', bla ħsara għal kull azzjoni oħra dwar l-istess ħaġa li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għal rimedju.

Il-qorti iżda tifhem illi d-dispożizzjoni ta' l-art. 7(9) ta' l-Att ma tagħtix jeddijiet taħt il-Kostituzzjoni u taħt il-Konvenzjoni aktar milli jagħtu l-istess Kostituzzjoni u Konvenzjoni. Fi kliem ieħor, jekk interess ma huwiex imħares taħt dawk il-liġijiet, ma jiġix imħares taħthom bis-saħħa ta' l-art. 7(9) ta' l-Att. Dak l-artikolu jgħid biss illi, għalkemm id-deċiżjonijiet tal-Bord ma jistgħux jiġu kontestati quddiem qorti, madankollu, jistgħu jiġu kontestati taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni, basta, naturalment, illi l-artikoli tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni li fuqhom jistriħ min ikun irid jikkontesta d-deċiżjoni jkunu jgħoddu għall-każ.

Fil-każ tallum, l-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni, li fuqhom qegħdin jistrieħu r-rikorrenti, ma jgħoddux għall-proċeduri li dwarhom saret din il-kawża.

Għal dawn ir-raġunijiet din il-qorti ssib illi ma kien hemm ebda ksur ta' l-art. 39 tal-Kostituzzjoni jew ta' l-art. 6 tal-Konvenzjoni, u għalhekk tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjeż kontra tagħhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------